**1 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Sandro Psaila

***Ne Bis in Idem* - Artikolu 527 - Deċiżjoni *In Parte***

***Sentenza in parte mogħtija fl-istess proċess a rigward ta' akkuża waħda jew aktar, li biha l-azzjoni kriminali dwar dik l-akkuża jew dawk l-akkużi tiġi ddikjarata preskritta ma ġġibx bħala konsegwenza l-ostakolu ikkontemplat fl-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali a rigward ta' l-akkużi l-oħra li dwarhom dik is-sentenza in parte ma tkunx ippronunzjat ruħha.***

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva permezz ta' ċitazzjoni kontra Sandro Psaila talli f'Valley Road, Msida, fil-31 ta' Jannar, 1994, għall-ħabta tal-10.30 ta' filgħodu (1) saq il-vettura Q-4806 b'manjera traskurata; u (2) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, qasam il-linja/i kontinwi; il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal mhux anqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Mejju, 1994;

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Sandro Psaila minnu ppresentat fit-18 ta' Mejju, 1994, li bih talab ir-riforma tas-sentenza hawn aktar 'l fuq imsemmija fis-sens illi din il-Qorti tikkonfermaha f'dik il-parti fejn hu ġie lliberat u tirrevokaha fejn sabitu ħati ta' l-ewwel akkuża u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, jew, alternattivament, ir-riforma tas-sentenza kwantu għall-piena tas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu formulat f'dawn il-kliem:

" Illi qabel ma l-ewwel Qorti tat is-sentenza fuq l-ewwel akkuża, kienet diġà tat sentenza ***in parte*** meta lliberat lill-esponent mit-tieni akkuża *stante* preskrizzjoni;

"Illi ġie ttrattat il-punt li kwindi l-Qorti ma setgħetx issibu ħati ta' l-ewwel akkuża *una volta* kienet diġà ppronunzjat ruħha fuq it-tieni akkuża, abbażi tal-prinċipju sagrosant fil-kamp kriminali tan-**ne bis in idem.**'(emfasi miżjuda minn din il-Qorti);

Illi dana l-aggravju hu manifestament infondat. Sentenza *in parte* mogħtija fl-istess proċess għar-rigward ta' akkuża waħda jew aktar li biha l-azzjoni kriminali dwar dik l-akkuża jew dawk l-akkużi tiġi ddikjarata preskritta ma twassalx għall-konklużjoni li qed jippretendi l-appellant. In fatti tali sentenza *in parte* ma hi xejn ħlief **parti** mill-ġudizzju f'**dik** il-kawża. U bħalma sentenza jista' jkollha parti li fiha tiddikjara ċerti akkużi preskritti iżda mhux oħrajn, anke jekk naxxenti mill-istess fatt, jekk fl-istess kawża tingħata aktar minn sentenza waħda dana ma jġibx bħala konsegwenza l-ostakolu kkontemplat fl-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jitkellem ċar dwar "kawża oħra" ("*un altro giudizio*" ara **La Polizia v, Arthur M. Simpson**, Qorti Kriminali, 14 ta' Frar, 1925, Vol. XXVI.IV.773, 775). Hu veru li preferibbilment, u għal raġunijiet proċedurali, għandha tingħata sentenza waħda, u kien proprju l-fatt li l-ewwel Qorti, għal xi raġuni inspjegabbli, għażlet li tagħti sentenza *in parte*, li wassal

għal ħafna komplikazzjonijiet inutili, u wassal anke lill-ewwel Qorti biex tesprimi ruħha b'mod ferm impreċiż u, bir-rispett kollu, anke skorrett, dwar il-preskrizzjoni u l-konsegwenzi tagħha. Iżda jibqa' l-fatt li l-appellant m'għandux raġun fuq dan il-punt;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu li l-piena tas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan hija waħda gravuża. Din il-Qorti tikkonsidra dana l-aggravju bħala infondat. Il-piena, fiċ-ċirkostanzi, kienet waħda miti;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi s-sospensjoni tibda tiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' għada filgħodu.